HAL BALZAN

L-GHAXAR SENA Nru. 53 OTTUBRU/DIĊEMBRU 1980

EDITORJAL

L-INDAFA F'HAL BALZAN

Li kellna nistaqsu l-barranin x'inhi l-aktar ħaġa li tolqothom f'Hal Balzan, bla dubju ta' xejn isemmulna l-kwiet u l-indafa ta' dan ir-raħal. U x'aktarx li dan huwa minnu, għax minkejja l-iżvilupp li tul is-snin seħħ fir-raħal tagħna, dawn iż-żewġ karatteristiċi li minn dejjem għażlu t-tliet irħula żgħar fil-qalba ta' Malta — Hal Balzan, Hal Lija, u H'Attard — għandna narawhom sal-ġurnata tal-lum. Hal Balzan għadu r-raħal kwiet, arjuż, u nadif, imfittex minn bosta nies.

Iżda biex dan il-lokal jibqa' jgawdi dan l-isem sabiħ, jeħtieġ li lkoll kemm aħna, ir-residenti kollha ta' Hal Balzan, nagħmlu l-parti tagħna u ngħinu fl-indafa ġenerali tat-toroq. Aħna l-Maltin magħrufin għall-indafa li nżommu fi djarna. Biss mhux dejjem nuru l-istes ħeġġa għall-indafa tat-triq. Xi kultant issib min, wara li jkun ħeles mill--ħmieġ u l-iskart mid-dar. jixħtu barra quddiem xi bini pubbliku jew xi bini li ftit ikun użat. Hekk, ngħidu aħna, mhux darba u tnejn tara ħmieġ u skart mitluq addoċċ ħdejn il-knejjes iż-żgħar ta' Hal Balzan bħallikieku hemm mhu ta' ħadd, skart li ġieli dam hemm ġranet jew ġimgħat sħaħ sakemm xi qalb tajba jew xi ħadd mogħni bi spirtu ċiviku jmur u jneħħih. Dan m'għandux ikun.

Kulħadd għandu jagħti s-sehem tiegħu u niġbdu lkoll ħabel wieħed sabiex inkomplu nsebbħu l-ambjent ta' pajjiżna mill-aħjar li nistgħu. Hawn ta' min ifaħħar lil dawk li ma jonqsux li joħorġu xi qsari bi pjanti jħaddru fuq il-ħoġor tat-twieqi. Dawn jagħtu dehra verament ħajja u friska mhux biss lid-dar imma wkoll lit-triq.

U la qegħdin insemmu t-toroq, mhux ta' min iħalli barra x-xogħol li sar dan l-aħħar f'Hal Balzan. Saru bankini fejn ma kienx hemm, għadd ta' toroq inksew bit-tarmak, fosthom Triq il-Wied, Triq Idmejda, Triq it-Tliet Knejjes, Triq il-Linja, u t-toroq il-ġodda ta' wara l-knisja, jiġifieri Triq Ġużè Bonnici u Triq Sir Antonio Micallef. Xogħlijiet bħal dawn ta' min ifaħħarhom, u jalla x-xogħol ta' kisi bit-tarmak jitkompla f'toroq oħra f'Hal Balzan.

L-Editur jintervista lil

Dr. PAUL CASSAR

Bniedem li għamel isem u ta kontribut siewi fil-qasam tal-istorja tal-mediċina f'Malta, huw nielu din l-intervista, li żgur hija ta' interess f'diversi oqsma tal-ħajja ta' pajjiżna, l-aktar a t-tabib Pawlu Cassar. Lil Dr Cassar għamil-għall-qarrejja tagħna.

(1) Dr. Cassar, tista' tgħidilna xi ħaġa dwar kif nibtet fik il-ħajra (jew vokazzjoni) għall-mediċina, u x'wasslek biex tispeċjalizza fil-qasam tal-mard mentali?

Jiena trabbejt l-Isla fis-snin tal-għoxrinijiet u tat-tletinijiet. Dak kien żmien il-ħefa, il-faqar u t-tlaleb wara l-bibien. Kien żmien meta l-mard u l-imwiet kienu aktar fid-deher milli huma llum. Għadni nara quddiem għajnejja l-funerali ta' sikwit tat-trabi u taż-żgħażagħ; il-katalett iġorr il-morda mattriqat merfugħ minn żewġ irġiel fuq idejhom jew fuq żewġ roti. Meta jasal ix-xatt ta' l-Isla, il-katalett kien jittieħed fuq dgħajsa għax-xatt tal-Belt u minn hemm bil-mixi għall-Isptar Ċentrali tal-Furjana. Għadni ma nsejtx it-tfal b'riġlejhom kollha ulċeri u ponot u rashom imdewda bil-qamel. Id-deni rqiq jew deni biered kont tisma' bih kuljum. L-għajnejn kienu morda bil-laħam ħażin (trakoma) li kienet tniġġes familji sħaħ u t-tfal morda kienu jgħaddu t-tniġġisa lil tfal oħra waqt il-logħob u fl-iskola. Dawn id-dehriet kienu jġibuli ħasra; mill-ħasra bdiet tinbet fija l-ħerqa ta' kif wieħed seta' jagħmel biex itaffi jew jeqred din il-miżerja. Ommi xtaqet tagħmilni saċerdot — kif kienet ix-xewqa ta' ħafna ommijiet ta' dak iż-żmien li wieħed mill-ulied isir qassis; imma jien, imqanqal mill-miżerja li semmejt, ħassejtni miġbud lejn qasam ieħor tal-ħajja, jiġifieri dak tal-ħarsien tas-saħħa u tal-fejqan mill-mard. Din il-fehma kompliet tissaħħaħ meta dħalt il-Liċeo u sibt li kien hemm tfal oħra jaħsbuha bħali. B'hekk is-sentimentaliżmu tat-tfulija ta lok għall-idealiżmu taż-żgħożija li malmilja taż-żmien żviluppat fil-vokazzjoni ta' tabib.

Il-ħajra li nispeċjalizza fil-mard mentali ħassejtha meta, waqt il-kors ta' tabib, studjajt il-filosofija. Dina wasslitni għall-psikoloġija, jiġifieri l-istudju tal-ħsieb u l-għemil tal-bniedem normali; mill-psikoloġija, il-pass għall-psikjatrija, jew studju tal-bniedem meta jimrad mentalment, kien faċli u mistenni.



Dr. Paul Cassar B.Sc., M.D., D.P.M. (Eng.), F.R. Hist. S. (Lond.)

(2) Minbarra li inti tabib, inti wkoll storiku u mixħut b' ruħek u b'ġismek għar-riċerka, l-aktar dwar l-istorja tal-mediċina f'pajjiżna. Kif jirnexxilek tgħaqqad dawn iż-żewġ friegħi ta' studju li ma' l-ewwel daqqa t'għajn forsi jidhru li ftit għandhom x'jaqsmu bejniethom?

Il-friegħi ta' studju li semmejtli ma humiex daqshekk imbiegħda minn xulxin daqs kemm jidher mad-daqqa t' għajn. Difatti jiena nqishom bħala żewġ aspetti ta' attività waħda għax it-tnejn għandhom l-istess għan, jiġifieri t-tfittxija tal-fatti u tal-motivi tal-imġiba tal-bniedem. Bħala tabib jiena nistudja l-imġiba ta' l-individwu meta huwa jimrad; bħala storiku nistudja l-imġiba ta' l-individwu u tas-soċjetà meta jiltaqgħu ma' problemi soċjali, reliġjużi u ekonomiċi u meta jiġu mhedda mill-mard epidemiku u mill-vjolenza tal-gwerra.

(3) Kif issib il-ħin biex tiddedika ruħek għat-tnejn?

Il-ħin insibu billi ma nitgħażżinx, ma nitlifx żmien f' attivitajiet fiergħa u billi norganizza l-programm tal-ġurnata. Mhux dejjem jirnexxili nsegwi dan il-programm li nkun fassalt, għax fil-ħajja jinqalgħu ċirkostanzi mhux mistennija, imma dak li ma jirnexxilix nagħmel meta jkun

• għal paġna 3



Nhar il-Ħadd, 6 ta' Lulju 1980, Fr. Joe Borg M.S.S.P., li huwa mill-Parroċċa tagħna, ġie ordnat Djaknu minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca, fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu, il-Balluta.

Fr. Joe twieled fid-19 ta' Mejju 1952, minn Nicholas u Antonia Borg. Studja fl-Iskola Primarja ta' Hal Balzan u Hal Lija, u fl-1966 hu daħal fil-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl fir-Rabat. Matul dan iż-żmien, huwa ħass is-sejħa reliġjuża missjunarja. Infatti fl-1971 huwa ngħaqad mas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. L-istudji tiegħu għal saċerdot qiegħed jagħmilhom fl-INSERM. Matul iż-żmien li ilu mas-Soċjetà, huwa għen fl-Istitut ta' San Ġużepp u fiċ-ċentru "Madonna Għajnuna ta' l-Insara" f'Birkirkara. Is-sena l-oħra huwa għamel esperjenza mas-sorijiet ta' Mother Theresa f'Palermo, Sqallija. Sakemm ingħaqad mas-Soċjetà ta' San Pawl, Fr. Joe kien membru fis-Soċjetà tal-MUSEUM fejn kien soċju fil-qasam ta' Hal Balzan.

**GĦAŻIŻ QARREJ,
JIDHER ISMEK FIL-LISTA TAS-SOSTENITURI F'PAĠNA 3? JEKK LE, IBGĦAT IL-FORMULA F'PAĠNA 2. GRAZZI BIL-QUDDIEM.**

'ĦAL BALZAN'
Toħroġ kull tliet xhur mill-
BORD EDITORJALI — 'ĦAL BALZAN'
c/o Każin tal-Banda "San Gabriel" Ħal Balzan.
Stampat fil- Lux Press Ħamrun.

X'GARA FOSTNA

ĠUNJU 1980

L-Ewwel Tqarbina tat-tfal saret nhar il-Ħadd, 1 ta' Ġunju, festa tat-Trinità Qaddisa. Fl-4.30 p.m. telaq il-korteo tat-tfal flimkien mal-ġenituri tagħhom minn Triq it-Tliet Knejjes għall-Knisja Parrokkjali, fejn fil-5.00 p.m. ħarġet il-quddiesa. Wara mbagħad it-tfal ħadu sehem f'purċissjoni qasira bl-istatwa tal-Madonna, billi dak in-nhar tiġi ċċelebrata fil-Parroċċa l-festa tal-Madonna tad-Duttrina.

Il-Ħadd ta' wara, 8 ta' Ġunju, ħabtet il-festa ta' Corpus. Il-purċissjoni solenni bis-Sagrament saret wara l-quddiesa kantata, għall-ħabta tal-10.15 a.m., u fiha ħadu sehem l-għaqdiet tal-Parroċċa, is-sorijiet u l-poplu.

Nhar l-Erbgħa, 11 ta' Ġunju, sar irtir għan-nisa tal-Parroċċa fl-Imġarr.

LULJU 1980

Nhar il-Ħadd, 6 ta' Lulju, saret fil-Parroċċa l-festa tal-Qalb ta' Ġesù. Il-membri tal-Għaqdiet għamlu l-Adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat f'ħinijiet differenti tal-jum. Fis-6.15 p.m., imbagħad ħarġet il-purċissjoni bis-sehem tal-Għaqdiet, is-Sorijiet, il-Każini, u t-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina. Wara l-purċissjoni, sar il-ħruġ tal-vara ta' Marija Annunzjata min-niċċa, bi thejjija għall-festa.

Il-ġimgħa tal-festa din is-sena wkoll kienet waħda ta' attivitajiet organizzati tajjeb. It-Tnejn, 7 tax-xahar, saret quddiesa speċjali għat-tfal kollha tal-Parroċċa, li fiha ħadu sehem attiv it-tfal stess. L-għada, it-Tlieta, saret "Siegħa mal-Madonna" fil-Knisja, organizzata minn Joe Aquilina. bis-sehem ta' Agatha Zahra, Doris Grech, u l-kor tat-tfal tal-Kapuċċini tal-Kalkara. It-tlett ijiem ta' wara kienu tlett ijiem ta' Tridu, bl-orkestra u l-mużika tas-Surmastrijiet Nani u ppriedkati minn Patri Valentin Borg Gusman, Karmelitan. Il-festi interni komplew is-Sibt u l-Ħadd, biss il-festi esterni ġew posposti minħabba r-restrizzjonijiet fuq il-ħruq tan-nar. Il-festa ta' San Valentinu wkoll, li kellha tiġi ċċelebrata nhar is-27 ta' Lulju, ġiet trasferita.

Nhar il-festa fil-għodu, numru ta' rġiel u żgħażagħ Balzanin għamlu protesta fil-pjazza tal-Knisja permezz ta' kartelluni u posters. Din il-protesta ngħatat pubbliċità fil-gazzetti tal-għada u ssemmiet saħansitra fil-Parlament.

AWWISSU 1980

Nhar il-Ħadd, 10 t'Awwissu, saret il-festa ta' San Valentinu Martri. Il-Ħadd ta' wara, 17 mix-xahar, saret il-festa ta' Marija Annunzjata. Il-festi ta' barra sar kollox kif kien avżat għat-12 u t-13 ta' Lulju, kemm logħob tan-nar kif ukoll baned. Din is-sena ħadu sehem il-baned San Gabriel tal-Parroċċa, 12th May ta' Ħaż-Żebbuġ, La Vittoria tal-Mellieħa, King's Own tal-Belt, u St. Catherine's taż-Żurrieq. Fil-festi interni, saret quddiesa kantata nhar is-Sibt fil-għaxija, u quddiesa kantata solenni, bil-paneġierku minn Mons. Carmelo Xuereb, Vigarju Ġenerali, nhar il-Ħadd fil-għodu. Fil-għaxija sar l-għasar, bħal fil-għodu kollox bil-mużika, u l-purċissjoni bl-istatwa għażiża tal-Lunzjata.

It-Tnejn, 25 ta' Awissu, bdew tlett ijiem ta' tagħlim fuq il-Madonna organizzati mis-Soċjetà tal-Museum. Fihom sar tagħlim, talb u kant lill-Madonna, kif ukoll il-kitba fil-Midalja Mirakuluża.

VITAFOAM
ISEM TA' GARANZIJA
PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMĦADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OĦRA TAL-FOAM
VITAFOAM LIMITED
INDUSTRIAL ESTATE, SAN ĠWANN (B'KARA)
Telephone: 36275/76

ID-DFIN F'ĦAL BALZAN

L-ewwel post li nafu bih fejn kien isir id-dfin ġewwa Ħal Balzan kienet il-knisja l-qadima ta' l-Annunzjata. F'din il-knisja nafu li kien u għad hemm għaxar oqbra kbar u żewġ oqbra żgħar li kienu jidfnu fihom it-trabi. Dawn l-oqbra kienu mill-bidu f'din il-knisja li nbniet fis-seklu sittax. Il-Viżitatur Apostoliku Mons. P. Duzina, fiż-żjara tiegħu lil din il-knisja, ma naqasx li jsemmi li f'din il-knisja jinstabu xi oqbra. Fost dawk li kienu midfuna f'din il-knisja nsibu lill-ewwel Kappillan ta' Ħal Balzan, Dun Adrijanu Zarb.(1)

SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH

Dwar nies oħra midfuna fil-knisja ta' l-Annunzjata l-qadima nitkellmu aktar tard. Issa nitilgħu lejn il-knisja ta' Santa Marija. Sa mis-sena 1591 kien isir id-dfin fiċ-ċimiterju ta' quddiem din il-knisja ta' Santa Marija. Dan nafuh għaliex dan iċ-ċimiterju ssemma fir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Mons. Paolo Alpheran, li għamel lill-knisja ta' Santa Marija nhar il-21 ta' Settembru 1745.(2)

Minn ħdejn Santa Marija nerġgħu ninżlu sal-knisja tal-Lunzjata l-qadima u permezz tal-Viżta Pastorali ta' Mons. Laurentius Astiria, li kien għamel lil din il-knisja nhar is-26 ta' Settembru tal-1673, sirna nafu li x'uħud mill-katavri li kienu midfuna fil-Knisja Parrokkjali l-qadima ta' l-Annunzjata ġew traspurtati fil-Knisja l-ġdida.(3)

IĊ-ĊIMITERJU TAL-WIED

Insibu fir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Mons. Vincenzo Labini li wara li dan il-Prelat għamel il-Viżta tiegħu lill-Knisja Parrokkjali u lill-knejjes iż-żgħar, nhar id-9 ta' Ġunju 1781, mar jara ċ-ċimiterju, li kif naqraw fl-istess relazzjoni: "jinstab fil-post magħruf tal-Wied". Naqraw ukoll li: "dan iċ-ċimiterju hu mdawwar minn ħajt. Mal-faċċata tal-ħajt ta' ġewwa hemm pedistall tal-ġebel li fuqu hemm Salib u li fin-naħa ta' isfel tas-Salib hemm kwadru bil-Madonna li għandha fi ħdanha 'l Kristu. Quddiem is-Salib hemm fanal li jinxtegħel minn nies devoti."(4)

Ħamsin sena qabel il-Viżta' tal-Isqof Labini, li minnha kif rajna sirna nafu fejn kien dan iċ-ċimiterju, fir-reġistru tal-Knisja Parrokkjali li fih hemm imniżżla d-dħul u l-ħruġ għas-snin 1716 — 1749, insibu li f'Lulju tal-1731 tħallsu xi spejjeż li saru f'dan iċ-ċimiterju għal xi xogħol li sar fih. L-istess insibu li sar f'Ottubru ta' l-istess sena u fi Frar tal-1732.(5)

Nhar is-17 ta' Mejju 1785, l-Isqof Vincenzo Labini reġa' mar iżur lil dan iċ-ċimiterju u fir-relazzjoni jsemmi mill-ġdid fejn jinstab dan iċ-ċimiterju, il-ħajt li jdawwar dan il-lok qaddis, u jgħid li hu miżmum kif jixraq lil dan il-post. Insibu wkoll li kif l-Isqof kien qed iżur lil dan il-post tal-mistrieħ ta' l-erwieħ, huwa libes l-istola sewda u qal xi talb u bierek il-fdalijiet ta' dawk li kienu midfuna hemm.(6)

Erba' snin wara, l-Isqof Labini reġa' mar jara dan iċ-ċimiterju u fir-relazzjoni ħalla miktub dak kollu li għadna kemm rajna s'issa.(7)

U biex nibqgħu nkattru t-tagħrif dwar dan iċ-ċimiterju, ngħidu li fl-1852, Malta ntlaqtet minn tempesta qawwija. L-Isqof Mons. Publiju De Conti Sant kien talab lill-kappillani biex jiċċelebraw Quddiesa Kantata lill-Erwieħ tal-Purgatorju. Il-kappillan ta' din il-Parroċċa, Dun Franġisk Caruana, iċċelebra din il-quddiesa mitluba mill-Isqof nhar it-22 ta' Ottubru 1852.(8) F'din il-maltempata, iċ-ċimiterju msemmi sofra xi ħsarat u għalhekk il-kappillan ħaseb biex isewwih.(9)

F'Ottubru tal-1877 lil dan iċ-ċimiterju sarlu rixtellu tal-ħadid b'serratura u ċavetta. Dan ir-rixtellu ħadmu l-ħaddied Salvu Grixti u qam tliet skudi, tliet tari' u tnax-il ħabba.(10)

ID-DFIN FIL-KNISJA PARROKKJALI

Nistgħu ngħidu li d-dfin fil-Knisja Parrokkjali beda jseħħ mis-sena 1668 sas-sena 1946, li tilħaq medda ta' 258 sena.

L-ewwel katavri li tniżżlu fl-oqbra tal-Knisja Parrokkjali kienu dawk li ġew ittrasportati mill-knisja tal-Lunzjata l-qadima fis-sena 1668.(11) Din id-darba miniex se nidħol fid-dettalji u nsemmi x'uħud mill-personalitajiet magħrufa li ġew midfuna fil-Knisja Parrokkjali tagħna; inħalli dan għal darb'oħra.

Naraw issa dwar xi mard li laqat lil Ħal Balzan u fejn ġew midfuna l-mejtin f'dawk iż-żminijiet. Nibdew bil-marda tal-Pesta tal-1813 u l-marda tal-Kolera tal-1837 u dik tal-1850.

REFERENZI:

1. DIMECH Ġ.: **HAL BALZAN** Nru 4
2. ALPHERAN P.: Viżta Past. P. 323
3. ASTIRIA L.: Viżta Past.
4. LABINI V.: Viżta Past. Fol. 289
5. LIB. 56 — Arkivju Parrokkjali
6. LABINI V.: Viżta Past. Fol. 97
7. LABINI V.: Viżta Past. Fol 118
8. LIB. 39 p.119 — Ark. Par.
9. Ibid. Cit.
10. Ibid. Cit
11. DIMECH Ġ.: **HAL BALZAN** Nru. 16.

GĦANDNA BŻONN L-GĦAJNUNA TAGĦKOM

Il-gazzetta tagħna "ĦAL BALZAN" ilha toħroġ disa' snin. Kienu l-isforzi kontinwi u l-kuraġġ u l-għajnuna tagħkom li għenu fil-ħruġ tal-gazzetta.

Fil-bidu l-ispejjeż kull ħarġa kienu ta'	**£M16.00**
Il-ġbir mit-toroq kien ilaħħaq kważi	**£M 7.00**
Dħul mir-reklami kien ilaħħaq mad-	**£ M9.00**
Matul iż-żmien, l-ispejjeż bdew jiżdiedu w illum l-ispejjeż ta' kull ħarġa ta' erba' paġni laħaq	**£M42.00**
Id-dħul mill-ġbir fit-toroq baqa' l-istess	**£M 7.00**
Ir-rati u l-ammont ta' reklami baqgħu kważi l-istess	**£M14.00**

It-telf f'kull ħarġa qiegħed ikun konsiderevoli.

KAMPANJA SOSTENITURI

Qegħdin nagħmlu kampanja għas-sostenituri tal-gazzetta.

LI NKOMPLU JEW NIEQFU MILL-ĦRUĠ TAL-GAZZETTA JIDDEPENDI MILL-ĠENEROŻITA' TIEGĦEK.

Inti tista' tgħin billi tagħti £M1.00 fis-sena għall-gazzetta.

Jekk ma ġejtx avviċinat minn xi membri tal-Board tista' jew tagħti l-offerta tiegħek lil xi membru tal-Board jew tibgħatha f'dan l-indirizz flimkien ma' l-isem u l-indirizz tiegħek.

Kaxxier,
"Ħal Balzan"
c/o Każin San Gabriel,
Ħal Balzan.

Jien nixtieq inkun sostenitur tal-gazzetta "Ħal Balzan" u qiegħed nibgħatlek il-kontribuzzjoni tiegħi ta' £M1.00.

ISEM ....

INDIRIZZ ....

Dr. PAUL CASSAR

• minn paġna 1

ippjanat, nagħmlu darb'oħra. L-istudju li ma nilħaqx nagħmel ma' tul il-jum nagħmlu bil-lejl.

(4) Il-frott tar-riċerka tiegħek jinsab miġbur fil-ħafna pubblikazzjonijiet, kemm f'Malta kif ukoll barra. Tista' tagħtina ideja ħafifa ta' dawn il-pubblikazzjonijiet? Liema minnhom tħoss li hija l-aqwa biċċa xogħol tiegħek?

L-aqwa biċċa xogħol tiegħi hija l-**Medical History of Malta**, ippubblikata f'Londra fl-1965. F'dina jiena ġbart ir-riżultat tat-tfittxija tiegħi ta' tmien snin dwar dak li ġara fil-qasam tal-mediċina f'Malta u Għawdex miż-żminijiet tal-qedem sas-sena 1965. Minn dik in-nhar 'l hawn jiena bqajt infittex dwar l-istess suġġett u dak li sibt ippubblikajtu Malta, speċjalment fis-**Saint Luke's Hospital Gazette**, fil-**Melita Historica** u fix-**Scientia**. Xandart pubblikazzjonijiet barra minn Malta wkoll fil-perjodiċi Ingliżi **Medical History** u **Journal of Hygiene (Cambridge)**. Bħalissa qed nistenna li jidher studju medikustoriku dwar Malta u l-kolera fil-perjodiku Amerikan **Bulletin of the History of Medicine.** Għandi wkoll publikazzjonijiet dwar il-psikjatrija, bħal ma huma **The Institutional Treatment of the Insane in Malta (1948)**; **fuq** il-mediċina legali (**Landmarks in the Development of Forensic Medicine in the Maltese Islands**, 1974), u oħrajn fuq il-ġrajja ġenerali ta'gżiritna, fosthom il-**Meaning of the Maltese Countryside** (1960) u **Early Relations between Malta and the USA** (1976). Artikoli oħra ta' interess ġenerali dwar l-istorja ta' pajjiżna jidhru fil-**Heritage.**

(5) M'ilux qrajna dwar is-sehem tiegħek fr-restawr tal-laboratorju fejn ħadem Dr. Temi Zammit. X'għandek xi tgħidilna dwar dan?

Kont ili s-snin nixtieq li l-laboratorju tal-Professur Temistokle Zammit M.D. jiġi rrestawrat u għal dan il-għan kont ili nħeġġeġ lill-awtoritajiet biex ix-xewqa tiegħi sseħħ. Meta qorob il-75 anniversarju tas-sejba tal-mikrobu tad-deni rq'q (Brucellosis) mit-tabib T. Zammit fid-demm tal-mogħża, (1905), jien ħtaft din l-okkażżjoni biex niġbed l-attenzjoni tal-Ministru tas-Saħħa għal dan il-fatt u biex nikkommemoraw din l-okkażjoni billi jagħtini l-fakoltà u l-mezzi biex nirrestawra l-laboratorju u niftħu fil-25 ta' Ġunju li kien il-jum meta it-tabib Zammit għamel is-sejba ta' tant fejda kbira għall-umanità. Il-Ministru malajr laqa' s-suġġeriment tiegħi u tani l-għajnuna kollha meħtieġa, u tant ħa interess fil-proġett li wasal biex jinawgura hu stess il-ftuħ tal-laboratorju wara r-restawr. Illum nieħu gost ngħid li dan il-laboratorju huwa miftuħ għall-publiku fil-ħinijiet tax-xogħol tal-Uffiċċju tas-Sanità, fi Triq Merkanti, il-Belt. Fil-fehma tiegħi, il-Prof. T. Zammit kien l-ikbar Malti li qatt twieled fi gżiritna mhux biss għax ħeles il-gżejjer tagħna mill-marda tad-deni rqiq imma għax bis-sejba tiegħu ġiet imrażżna din il-marda fil-pajjiżi kollha tad-dinja fejn qabel kienet tifieġ mijiet ta' nies. Ma ninsewx ukoll li t-tabib Zammit għamel ġieħ lil Malta bis-sejbiet tiegħu fil-qasam tal-arkeoloġija bl-istħarriġ tiegħu fuq it-tempji ta' żmien il-Ħaġar.

(6) Żewġ mistoqsijiet dwar il-ħajja tiegħek f'Ħal Balzan. Dott, x'kien li ħajrek tiġi toqgħod f'dan ir-raħal?

Malli sirt tabib jiena bdejt nistudja b'mod partikulari l-mard mentali, u wara li speċjalizzajt f'dan il-qasam f'Londra u Edinburgh, ġejt magħżul psikjatra fl-isptar mentali ta' H'Attard. Hemmhekk qattajt 34 sena mill-ħajja professjonali tiegħi. Innamrajt malkampanja ta' madwari u mattliet irħula ta' l-istess inħawi. Laqtitni l-qagħda ta' sliem u kwiet tagħhom, il-ħdura, l-indafa, l-arkitettura tal-knejjes u s-sempliċità tad-dekorazzjoni tipikament maltija tad-djar tagħhom. Dawn id-dehriet ħajruni biex meta nirtira mill-isptar immur ngħix f'wieħed minn dawn l-irħula. L-ewwel okkażżjoni li nqalgħet kien post f'Ħal Balzan — qabel ma beda dan il-bini kollu li wasal biex joħnoq ir-raħal oriġinali — u b'hekk sibt ruħi fostkom.


• għal paġna 4

SOSTENITURI

Lawrence Aquilina — 'Lourdes', Triq Dr Zammit.
Carmel Bezzina — 11, Triq San Valentinu.
Guido Borg — 'Utopia', Triq Ħal Bordi, Ħal Lija.
Lino Borg — 224, Triq il-Kbira.
Madlene Callus — 55, Triq it-Tliet Knejjes.
Adrian Camilleri Flores — 2, St.Paul Flats, Triq Sir Antonio Micallef.
Piju Ebejer — 20, Triq Providenza.
Anthony Fenech — 'Miele', Triq il-Linja.
Guido Lanfranco — 78, Triq San Trofimu, Tas-Sliema.
Dr E. Montanaro — 55/1, Triq is-Suq, Floriana.
Doris Montebello — 'Maison Monabel', Triq il-Kbira.
Carmela Muscat — 13, Triq it-Tliet Knejjes.
Valentino Muscat — 238, Triq il-Kbira.
Kan. Spiridione Sammut — 29, Triq Idmejda.
Albert Soler — 'Peprina' Triq ġdida fi Triq San Anton.
Dr G. Spiteri Maempel — 14, Triq Howard, Tas-Sliema.
Paul Zahra — 'St. Andrew', Triq ġdida fi Triq il-Linja.

Donazzjonijiet

Chev. Oscar Calleja Urry — £M2; Valentino Chetcuti — £M2; Carmelo Penza — £M2; Camillo Tortell — £M2; Maria Sammut — £M1; Dr. Anthony Vella — £M2; Ge rald Zammit — £M1.
Nirringrazzjaw minn qalbna lil kulħadd.



FOR BEST COLOUR PRINTS TUDOR PROCESSING IS THE ANSWER

Look for the shop with the TUDOR ROSE



VICAJO COMPANY LIMITED
62A, PRECA STREET, LIJA
Tel. 45912
A FREE FILM WITH EVERY FILM PROCESSED

ROKNA GHAT-TFAL

Tfal,

Erġajna wasalna għal kompetizzjoni oħra. Għal din id-darba ħejjejnielkom waħda li fiha tridu tħaddmu ftit moħħkom. Għandkom il-kelma ORTOGRAFIJA, li fiha ħdax-il ittra. Xogħolkom hu li tieħdu minn dawn l-ittri u bihom tiffurmaw kliem ġdid. Fil-kliem tagħkom irid ikun hemm ittri li jinsabu biss fil-kelma li tajniekom; ngħidu aħna, ma tistgħux tiktbu TORTA, għax fil-kelma ORTOGRAFIJA, għandna biss T waħda u mhux tnejn. Naħsbu li fhimtu x'għandkom tagħmlu. Mela kull ma rridu minn għandkom hu li tiktbu 10 minn dawn il-kelmiet. Mill-kelma ORTOGRAFIJA tistgħu toħorġu aktar minn ħamsin. Il-kelmiet jistgħu jkunu b'żewġ ittri, bi tlieta, b'erbgħa, jew b'iżjed. Meta tkunu sibtu dawn l-għaxar kelmiet iktbuhom fuq karta; iktbu wkoll isimkom u l-indirizz tagħkom, u bħas-soltu ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelop magħluq u indirizzawh lill-Każin tal-Banda San Gabriel, jew impustawh intom stess fil-letterbox ta' l-istess każin.

Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 13 ta' Diċembru 1980.

It-tweġibiet ta' l-aħħar kompetizzjoni kienu: 1. Pappagall, 2. Arloġġ, 3. Paroli, 4. Sargu, 5. Tperper, 6. Festa, 7. Mirdum, 8. Missierhom. Il-kelma li kellkom issibu fil-kaxxi mmarkati bl-iswed skur kienet PROGRAMM.

Ir-rebbieħa kienet Rita Caruana, li toqgħod 11, Triq il-Kbira, Ħal Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulha.

MILL-UFFICCJU PARROKKJALI

Twieldu għall-grazzja bil-Magħmudija:
Enrico Depasquale, bin Henry u Nancy.
Katia Mercieca, bint Joseph u Teresa.
Ronald Chetcuti, bin Valentino u Pauline.
John Mark Vella Bardon, bin Klaus B.Ch.D. u Susan.
Helen Spiteri Debono, bint Anthony u Myriam.
Reuben Bonnici, bin Anthony u Mary Lourdes.
Clifford Borg St. John, bin Walter u Christine.
Dorianne Vidal, bint Francis u Anna.
David Darmanin, bin John u Florence.
Antoine Zammit, bin John u Elvira.
Michael Cassar, bin John u Grace.
Dorianne Lanzon, bint Victor u Josephine.
Alan Briffa, bin Charles u Angela.
Johan Paul Micallef, bin David u Iris.
Claire Debono, bint Joe u Evelyn.
Lara Miceli, bint Herman u Anne.
Helen Camilleri, bint Carmel u Rose.
Joseph Zarb, bin Mario u Rita.
Joseph Muscat, bin Anthony u Mary.

Ingħaqdu fi żwieġ nisrani:
Philip Zarb Cousin u Catherine Baldacchino.
Eddie Aquilina u Anita Licari.
Emmanuel Gauci u Rita Calleja.
Louis Schranz u Simone Grima.
Carmel Zammit u Nathalie Guillaumier.
Albert Zammit u Maria Debono.
Anthony Mamo u Christine Ellul.

Ittajru għal ħdan il-Ħallieq:
Suor Lucia De Rogatis, tas-Sorijiet tal-Karità.
Carmela Camilleri.
M. Stella Camilleri.
Leo Gulia.
Ġuża Callus.
Maria Caruana Ph.C.
M. Cristina Hyzler.
Noè Naudi.
Carmela Brincat.
Angela Fenech.
Filippo Camilleri.
Sonny Cassar.
Ġużeppi Debono.
Suor Venera Gauci, Fran. Miss. ta' Marija.
Olga Sammut.
Giuseppa Nappa.
Maria Zammit.
Maria Casha.
Paul Azzopardi.
Suor Prassede, tas-Sorijiet tal-Karità.

IL-KAZIN MARIJA ANNUNZJATA

90 Sena ta' Hajja u Hidma ghall- Gid ta' Hal Balzan

KITBA TA'
PAWLU GRIMA

Tul l-aħħar gwerra dinjija, is-Soċjetà tagħna għamlet il-parti tagħha wkoll billi laqgħet tliet familji evakwati mill-Belt, mill-Marsa u mill-Birgu. Fl-1944 kellna x-xorti wkoll li nilqgħu għal tlett ijiem sħaħ ix-xabla tal-fidda li ġiet ir-regalata lill-Gvernatur Lord Gort mill-Professur Philip Farrugia, fit-12 ta' Marzu fil-pjazza ta' Ħaż-Żebbuġ quddiem ir-rappreżentanti tal-każini ta' Malta, li kkontribwew għal dan l-iskop għall-qlubija li wera mal-gżira tagħna fl-eqqel tal-gwerra. Din ix-xabla kienet ippreżentata fil-Każin tagħna wara li marret fi rħula oħra biex kull min ried seta' jaraha. Bħala responsabbli u garanti tagħha kien indaħal is-segretarju, is-Sur Wiġi Briffa, li ta' kull fil-għaxija kien jirtiraha d-dar tiegħu.

Fl-14 t'April 1946, fil-festa ta' Marija Annunzjata, il-Każin tagħna semma' għall-ewwel darba f'Ħal Balzan l-"Innu ta' Tifħir lil Marija Annunzjata", kantat mit-tfal tal-Parroċċa flimkien mat-tenur u l-baxx, akkompanjati mill-Banda Duke of Connaught ta' Birkirkara. Dan l-Innu, versi tal-poeta Mons. Dun Karm Psaila u mużika tas-Surmast Ġużeppi Schembri, sar bl-ispejjeż tas-segretarju tagħna s-Sur Wiġi Briffa.

Fl-1 ta' Ġunju 1947, is-Soċjetà ġiet onorata bl-istedina li saritilha għall-festa tal-qniepen il-ġodda ta' Ħal Lija; u nhar it-28 ta' Settembru ta' l-istess sena, il-President tagħna, is-Sur Valentino Cardona, għan-nom tas-Soċjetà ppreżenta rigal ta' żewġ ċrieket tad-deheb li ġew stmati £14 għall-qanpiena l-ġdida tal-Parroċċa. Fl-1948, is-Soċjetà ħasbet biex tiżbogħ l-istatwa tal-Papa Ljun XIII; ix-xogħol sar minn membru ta' l-istess Soċjetà, is-Sur Pawlu Chetcuti.

Fl-1949, il-kumitat organizza għadd ta' konferenzi reliġjużi u soċjali, u ta rigal lill-Kappillan Dun Francesco Saverio Zahra, li wara li qeda dmiru għal 27 sena bħala Kappillan tal-Parroċċa, laħaq Monsinjur. Is-sena ta' wara, il-kumitat ta rigal xieraq lill-Kappillan il-ġdid, Dun Ġużepp Minuti. Fl-1950 ukoll, il-kumitat żanżan opra ġdida għall-festa ta' Marija Annunzjata — 'cable' għad-dawl tal-festa. Fl-istess sena wkoll, is-Soċjetà kienet onorata bil-preżenza ta' l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur Sir Gerald Creasy K.C.M.G., O.B.E., nhar it-23 ta' Novembru. Il-Gvernatur kien milqugħ mill-President, is-Sur Albert Fenech, li għamel indirizz mill-isbaħ u fakkar li s-Soċjetà kienu żaruha żewġ gvernaturi oħra, Sir Charles Bonham Carter fid-19 ta' Lulju 1936 u Field Marshal Lord Gort fit-13 ta' Lulju 1944.

Fis-sena 1951, inxtraw sett pilandri ġodda biex jintramaw għall-festa ta' Marija Annunzjata mis-Sur Oreste Brincat, u sarulhom sett važi ġodda li nżebgħu mis-sinjuri Valent Chetcuti, Carmelo Callus u Ġużeppi Calleja. Opra sabiħa għas-Soċjetà żżanżnet fis-sena 1954. Din kienet bandiera ġdida bl-arma ta' Marija Annunzjata u nħadmet ġewwa l-Ingilterra. Fl-istess sena sar trattament lill-Kappillan il-ġdid Dun Carmelo Sciberras, li ġie ppreżentat b'missal mill-President tas-Soċjetà, is-Sur Valentino Borg, assistit mis-segretarju Carmelo Chetcuti, u l-kaxxier Ġużepp Pullicino. Fl-istess sena nħatar Direttur Spiritwali tas-Soċjetà Dun Ġwan Zammit Hammet.


It-13 ta' Diċembru 1959, Mons. Arċisqof M. Gonzi żar il-Każin u ppreżenta l-kallotta tiegħu lis-soċjetà. Jidher is-Sur Pawlu Grima jaqra l-indirizz ta' merħba.

Is-Soċjetà għenet ukoll diversi opri fil-Knisja: fl-1955 ikkontribwiet £5 għall-pittura, u fl-1957 £20 għas-Sala Parrokkjali. Fl-1959, il-membri tagħna refgħu fl-istatwa tad-Duluri, li f'dik is-sena kienet iffurmata l-fratellanza tagħha. Fl-istess sena, nhar it-13 ta' Diċembru, fil-Parroċċa tagħna żżanżnet l-istatwa l-ġdida ta' San Mikiel. Għal din l-okkażjoni kien mistieden l-Eċċ. Rev. ma Mons. Mikiel Gonzi, li bierek l-istatwa, u wara għoġbu jonorana bil-preżenza tiegħu.


F'din l-okkażjoni ntlaqa' b'entużjażmu kbir mill-kumitat u l-membri tas-Soċjetà. Il-President is-Sur Pawlu Grima qara indirizz, u l-assistent segretarju, is-Sur Victor Bartolo ppreżenta kallotta lil Mons. Arċisqof, li, min-naħa tiegħu, ippreżenta l-kallotta tiegħu lis-Soċjetà.

Minn sena għal oħra, l-armar tal-festa baqa' dejjem jiżdied. Fl-1960 iżżanżnu tmien bandalori ġodda, fuq disinn tal-President Pawlu Grima, u nħietu mill-ħajjat Ġużeppi Falzon.

Okkażjoni sabiħa għalina kienet nhar il-Ħadd, 8 t'Ottubru 1961, meta s-Soċjetà tagħna ġiet ikkonsagrata b'sollennità kbira lill-Qalb ta' Ġesù u lill-Qalb ta' Marija, kif ukoll sar it-tberik tal-kappella l-ġdida tal-każin. Tistgħu taħsbu x' poplu kien hawn avolja kwarta qabel kien l-irxiex, imma n-nies ma qatgħetx qalbha imma assistiet fost ferħ u agħjat ta' 'Viva l-Arċisqof' f'dimostrazzjoni li saret f'din l-okkażjoni b'marċi ferrieħa mill-Banda Nazzjonali La Vallette u fost il-ħruq tal-murtali. Xħin il-banda waslet fil-misraħ quddiem il-każin, fetħet il-programm u l-President is-Sur Pawlu Grima għamel diskors mill-isbaħ. Wara d-diskors, ġew ippreżentati lill-President tliet trofej. Wara mbagħad il-President tal-Banda La Vallette, in-Nutar G. Borg Olivier LL.D., M.P., ippreżenta standard bl-arma tal-Madonna f' isem l-ammiraturi tal-Banda La Vallette bħala għarfien tar-relazzjonijiet tajba li jeżistu bejn iż-żewġ soċjetajiet.



It-23 ta' Novembru 1950. Is-soċjetà tilqa' l-Eċċ. Tiegħu l-Gvernatur Sir Gerald Creasy. Jidher is-Sur Albert Fenech jaqra l-indirizz ta' merħba.



Il-Ħadd, 8 t'Ottubru, 1961. Mons. Arċisqof M. Gonzi jikkonsagra s-soċjetà lill-Qalb ta' Ġesù u l-Qalb ta' Marija.

SKARPOLI

Għal kull xorta ta' tiswijiet ta' żraben

IRRIKORRU GHAND **SKARPOLI**
TA' TRIQ IL-KBIRA, HAL BALZAN

Minn għandu tieħu xogħol tajjeb. Jibdel platforms u supratakki u jagħmel uċuħ ġodda tal-krakar.

Ħinijiet:
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mill-5.30 p.m. sas-7.00 p.m.
Is-Sibt mit-8.30 a.m. sas-1.00 p.m. u mill-5.00 p.m. sas-7.00 p.m.

● minn paġna 3

(7) Bħala wieħed li tinteressa ruħek fir-raħal, kif jixhdu l-kitbiet tiegħek li minn żmien għal żmien jidhru fil-gazzetta tagħna, tista' tgħidilna x'tixtieq tara jseħħ f'Ħal Balzan?

Ħal Balzan huwa wieħed mill-aktar irħula ndaf li hawn f'Malta, iżda nistgħu nżommuh aktar nadif milli hu billi ma nħallux munz elli ta' skart u rimi fit-triqat u f'postijiet imwarrba. Dak li wkoll iweġġa' l-għajn huwa t-twaħħil ta' **posters** ta' kull xorta mal-ħitan. Jidhirli li huwa meħtieġ li jitqiegħdu **poster-boards** f'postijiet magħżula għat-twaħħil ta' dawn il-karti stampati biex nevitaw li nċappsu kullimkien bihom u b'hekk inħarsu aħjar id-dehra ta' ndafa tar-raħal.

Nixtieq li ngħożżu aktar il-ħdura tal-pjanti fit-triqat billi nibżgħu għas-siġar dekorattivi li l-gvern qed iħawwel fir-raħal billi ngħallmu lit-tfal u ż-żgħażagħ jindukraw dawn il-pjanti speċjalment meta jkunu għadhom kif jitħawlu u ma qabdux sewwa. Nixtieq ukoll nara li l-wirt ta' l-arkitettura li fadal 'l hemm u 'l hawn ma jinqeridx; anzi jiġi ppreservat b'għożża — bħal ma huma gwarniċjuni ma' dwar bibien u twieqi, mensoli taħt twieqi, gallariji tal-ġebel u ta' l-injam, niċeċ u statwi. Irrid ngħid kelma speċjali għall-parroċċa l-qadima mibnija fis-seklu ħmistax u dik ta' Santu Rokku li hemm ma' ġenbha imtellgħa fl-1593 b'tifkira tal-pesta ta' dik is-sena. Il-Knisja ta' l-Assunta fil-pjazzetta ta' **Main Street** għandha mal-mitejn sena u jixirqilha wkoll li tiġi mħarsa u preservata mit-tiġrif. Jiena naf li l-Kappillan għandu għal qalbu dan il-ħarsien u nittama li jsib l-inkoraġġjament u l-għajnuna meħtieġa għal dan il-għan. Illum nifhmu, però, li mhux biżżejjed tippreserva post tal-qedem imma huwa wkoll essenzjali li wara li tirranġah, skond kif trid l-arti u s-sengħa, issiblu użu għax jekk tħallih magħluq jerġa' jsir ħerba. Nixtieq fl-aħħar nissuġġerixxi li l-lapidi li jinsabu fil-Knisja ta' l-Assunta u li dari kienu fil-Knisja Parrokkjali tal-lum, jittieħdu fiċ-ċimiterju tar-raħal u jitwaħħlu mal-ħitan tiegħu — għax anki l-kitba ta' fuq qabar hija dokument storiku u xi drabi tista' tkun l-uniku wieħed li baqa' jeżisti.